MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru 372/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**
**vs**
**Marvin Mackay**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 565574 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Dicembru 2009 gewwa Master Group li jinsab fi Triq l-Oratorju Naxxar:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera h aga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,

ghamel qliegh ta' 152 Euro u dan ghad-dannu ta' Ronald Camilleri u persuni ohra u dan bi ksur ta' l0-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Xjentement ghamel uzu m inn att, kitba jew skrittura falza ghad-dannu ta' Ronald Camilleri
3. U iktar talli rrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza tal-prezentata jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirridkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkunsidrat

Stante l-ammissjoni volontarja u inkundizzjonata ta' l-imputat ssibu hati tar-reati kontrieh dedotti li huma it-truffa, l-uzu ta' dokument falz u ricedivita.

Rat l-Artikolu 308, 309, 310, 184, 49 u 50 tal-Kap 9, tiddeciedi li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sitt xhur millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------